

Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)

Seduta plenarja tal-EDPB, 04./05.12.2018

Opinjoni 24/2018 dwar l-abbozz tal-lista tal-awtorità superviżorja kompetenti tad-Danimarka rigward l-operazzjonijiet ta' pproċessar soġġetti għar-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (l-Artikolu 35(4) tal-GDPR)

Adottata fl-4 ta' Diċembru 2018

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

WERREJ

1	Sommarju tal-Fatti	4
2	Valutazzjoni	5
2.1	Raġunament ġenerali tal-EDPB rigward il-lista ppreżentata	5
2.2	Applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' konsistenza għall-abbozz tal-lista	5
2.3	Analiżi tal-abbozz tal-lista	6
3	Konklużjonijiet / Rakkomandazzjonijiet	6
4	Kummenti tal-aħħar	6

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63, l-Artikolu 64(1)(a), minn (3) sa (8) u l-Artikolu 35(1), (3), (4), (6) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem il-"GDPR" - Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu tal-25 ta' Mejju 2018,

Billi:

(1) Ir-rwol ewlieni tal-Bord huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament 2016/679 (minn hawn 'il quddiem il-"GDPR") fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha. F'konformità mal-Artikolu 64(1) tal-GDPR, il-Bord għandu joħroġ opinjoni meta awtorità superviżorja (SA - supervisory authority) ikun biħsiebha tadotta lista ta' operazzjonijiet ta' pproċessar soġġetti għar-reqwizit ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 35(4) tal-GDPR. Għaldaqstant, l-għan ta' din l-opinjoni huwa li jinħoloq approċċ armonizzat fir-rigward ta' pproċessar transfruntier jew li jista' jaffettwa l-moviment liberu tad-*data* personali jew ta' persuni fiżiċi madwar l-Unjoni Ewropea. Għalkemm il-GDPR ma jimponix li jkun hemm lista unika, huwa jipromwovi l-konsistenza. Il-Bord jipprova jikseb dan il-għan fl-opinjoni tiegħu, l-ewwel nett billi jitlob lill-SAs jinkludu xi tipi ta' pproċessar fil-listi tagħhom, it-tieni billi jitlobhom ineħħu xi kriterji li l-Bord ma jikkunsidrax bħala li neċessarjament joħolqu riskji kbar għas-suġġetti tad-*data*, u fl-aħħar nett billi jitlobhom jużaw xi kriterji b'mod armonizzat.

(2) B'referenza għall-Artikolu 35(4) u (6) tal-GDPR, l-awtoritajiet superviżorji kompetenti għandhom jistabbilixxu listi tat-tip ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li huma soġġetti għar-reqwizit ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (minn hawn 'il quddiem id-"DPIA" - data protection impact assessment). Huma għandhom, madankollu, japplikaw il-mekkaniżmu ta' konsistenza meta listi bħal dawn ikunu jinvolvu operazzjonijiet ta' pproċessar li jkunu relatati mal-offerta ta' oġġetti jew servizzi lis-suġġetti tad-*data* jew mal-monitoraġġ tal-imġiba tagħhom f'diversi Stati Membri, jew jistgħu jaffettwaw sostanzjalment il-moviment ħieles tad-*data* personali fi ħdan l-Unjoni.

(3) Filwaqt li l-abbozzi tal-listi tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti huma soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza, dan ma jfissirx li jenħteġ li l-listi jkunu identiċi. L-awtoritajiet superviżorji kompetenti għandhom marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-kuntest nazzjonali jew reġjonali u jenħteġ li jqisu l-leġislazzjoni lokali tagħhom. L-għan tal-valutazzjoni / opinjoni tal-EDPB mhux li tinkiseb lista unika tal-UE, iżda pjuttost li jiġu evitati inkonsistenzi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni ekwivalenti tas-suġġetti tad-*data*.

(4) It-twertiq ta' DPIA huwa mandatorju biss għall-kontrollur skont l-Artikolu 35(1) tal-GDPR, meta l-ipproċessar "x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi". L-Artikolu 35(3) tal-GDPR fih eżempji ta' każijiet li x'aktarx jirriżultaw f'riskju għoli. Din hija lista mhux

eżawrjenti. Fil-Linji Gwida dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*¹, kif approvati mill-EDPB², il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 iċċara l-kriterji li jistgħu jgħinu jidentifikaw meta l-operazzjonijiet ta' pproċessar ikunu soġġetti għar-rekwiżit ta' DPIA. Il-Linji Gwida WP248 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 jiddikjaraw li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, kontrollur tad-*data* jista' jqis li pproċessar li jissodisfa żewġ kriterji jkun jeħtieġ li titwettaq DPIA. Madankollu, f'xi każijiet, kontrollur tad-*data* jista' jqis li pproċessar li jissodisfa wieħed biss minn dawn il-kriterji jkun jeħtieġ DPIA.

(5) Il-listi prodotti mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti jappoġġaw l-istess objettiv biex jidentifikaw operazzjonijiet ta' pproċessar li x'aktarx jirriżultaw f'riskju għoli u operazzjonijiet ta' pproċessar li għalhekk jeħtieġu DPIA. Bħala tali, jenħtieġ li jiġu applikati l-kriterji żviluppati fil-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 meta jiġi vvalutat jekk l-abbozzi tal-listi tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti jostakolawx l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR.

(6) Fil-5 ta' Settembru 2018, 22 awtorità superviżorja kompetenti rċevew opinjoni mingħand l-EDPB dwar l-abbozz tal-listi tagħhom. Erba' SAs oħra ppreżentaw l-abbozz tal-lista tagħhom sal-bidu ta' Ottubru. Valutazzjoni globali ta' dawn l-abbozzi tal-listi tappoġġa l-objettiv ta' applikazzjoni konsistenti tal-GDPR, minkejja li minħabba f'hekk tiżdied il-kumplessità tas-suġġett.

(7) L-opinjoni tal-EDPB għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR b'rabta mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB fi żmien tmien ġimgħat mill-ewwel jum tax-xogħol wara li l-President u l-awtorità superviżorja kompetenti jkunu ddeċidew li l-fajl huwa komplut. B'deċiżjoni tal-President, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat addizzjonali, meta titqies il-kumplessità tas-suġġett.

ADOTTA L-OPINJONI:

1 SOMMARJU TAL-FATTI

1. L-awtorità superviżorja kompetenti tad-Danimarka ppreżentat l-abbozz tal-lista tagħha lill-EDPB. Id-deċiżjoni dwar il-kompletezza tal-fajl ittieħdet fil-11 ta' Ottubru 2018. Il-perjodu li fih l-opinjoni għandha tiġi adottata ġie estiż sat-18 ta' Jannar 2019 minħabba l-kumplessità tas-suġġett u wkoll fid-dawl tal-ħtieġa li jitqiesu l-eżitu tar-rieżami tat-tnejn u għoxrin (22) abbozz tal-lista ppreżentati preċedentement mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti u l-bżonn li ssir valutazzjoni globali tagħhom kollha.

¹ WP29, Linji Gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* u li jiddeterminaw jekk l-ipproċessar "x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli" għall-finijiet tar-Regolament 2016/679 (WP 248 rev.01).

² EDPB, Approvazzjoni 1/2018.

2 VALUTAZZJONI

2.1 Raġunament ġenerali tal-EDPB rigward il-lista ppreżentata

2. Kull lista ppreżentata lill-EDPB ġiet interpretata bħala li tkompli tispeċifika l-Artikolu 35(1), li se jipprevali fi kwalunkwe każ. B'hekk, l-ebda lista ma tista' tkun eżawrjenti.
3. F'konformità mal-Artikolu 35(10) tal-GDPR, il-Bord huwa tal-fehma li jekk DPIA tkun diġà twettqet bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt ġenerali fil-kuntest tal-adozzjoni tal-bażi ġuridika, l-obbligu li titwettaq DPIA skont il-paragrafi minn 1 sa 7 tal-Artikolu 35 tal-GDPR ma japplikax, sakemm l-Istat Membru ma jqishiex neċessarja.
4. Barra minn hekk, jekk il-Bord jitlob DPIA għal ċerta kategorija ta' pproċessar, u d-dritt nazzjonali diġà jipprevedi miżura ekwivalenti, id-Datatsynet (minn hawn 'il quddiem l-"Awtorità Superviżorja Daniża") għandha żżid referenza għal din il-miżura.
5. F'din l-opinjoni mhumiex ikkunsidrati l-entrati ppreżentati mill-Awtorità Superviżorja Daniża, li tqiesu li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 35(6) tal-GDPR. Dan jirreferi għal entrati li la għandhom x'jaqsmu "mal-offerta ta' oġġetti jew servizzi lis-suġġetti tad-*data*" f'diversi Stati Membri u lanqas mal-monitoraġġ tal-imġiba ta' suġġetti tad-*data* f'diversi Stati Membri. B'mod addizzjonali, mhuwiex probabbli li "jaffettwaw sostanzjalment il-moviment ħieles tad-*data* personali fi ħdan l-Unjoni". Dan huwa b'mod speċjali l-każ għal entrati relatati mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u b'mod partikolari meta l-obbligu li titwettaq DPIA jkun stipulat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet ta' pproċessar kollha li għandhom x'jaqsmu mal-infurzar tal-liġi ma ġewx ikkunsidrati, peress li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.
6. Il-Bord innota li diversi awtoritajiet superviżorji inkludew fil-listi tagħhom xi tipi ta' pproċessar li neċessarjament huma pproċessar lokali. Peress li l-Artikolu 35(6) jikkonċerna biss l-ipproċessar transfruntier u l-ipproċessar li jista' jaffettwa l-moviment ħieles tad-*data* personali u tas-suġġetti tad-*data*, il-Bord mhux se jikkummenta dwar dan l-ipproċessar lokali.
7. L-opinjoni għandha l-għan li tiddefinixxi qalba konsistenti ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li jkunu rikorrenti fil-listi pprovduti mill-awtoritajiet superviżorji.
8. Dan ifisser li, għal għadd limitat ta' tipi ta' operazzjonijiet ta' pproċessar, li se jiġu ddefiniti b'mod armonizzat, l-Awtoritajiet Superviżorji kollha se jitlobu li titwettaq DPIA u l-Bord se jirrakkomanda lill-SAs jemendaw il-listi tagħhom skont dan biex jiżguraw il-konsistenza.
9. Jekk din l-opinjoni ma tindirizzax ċerti DPIAs li huma elenkati fil-lista ppreżentata, dan ikun ifisser li l-Bord mhuwiex qed jitlob lill-Awtorità Superviżorja Daniża tiegħu azzjoni ulterjuri.
10. Fl-aħħar nett, il-Bord ifakkar li t-trasparenza hija kruċjali għall-kontrolluri tad-*data* u għall-proċessuri tad-*data*. Sabiex jiċċara l-entrati fil-lista, il-Bord huwa tal-opinjoni li referenza espliċita fil-listi, għal kull tip ta' pproċessar, għall-kriterji stabbiliti fil-linji gwida, tista' ttejjeb din it-trasparenza. Għaldaqstant, il-Bord huwa tal-fehma li mal-lista tista' tiżdied spjegazzjoni dwar il-kriterji meqjusa mill-Awtorità Superviżorja Daniża waqt il-ħolqien tal-lista.

2.2 Applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' konsistenza għall-abbozz tal-lista

11. L-abbozz tal-lista ppreżentat mill-Awtorità Superviżorja Daniża huwa marbut mal-offerta ta' oġġetti jew servizzi lis-suġġetti tad-*data* jew mal-monitoraġġ tal-imġiba tagħhom f'diversi Stati Membri u /

jew jista' jaffettwa sostanzjalment il-moviment ħieles tad-*data* personali fi ħdan l-Unjoni, primarjament minħabba li l-operazzjonijiet ta' pproċessar fl-abbozz tal-lista ppreżentat mhumiex limitati għal suġġetti tad-*data* f'dan il-pajjiż.

2.3 Analiżi tal-abbozz tal-lista

12. Meta jitqies li:
 - a. L-Artikolu 35(1) tal-GDPR jitlob DPIA meta l-attività ta' pproċessar x'aktarx tirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi; kif ukoll
 - b. L-Artikolu 35(3) tal-GDPR jipprovdi lista mhux eżawrjenti tat-tipi ta' pproċessar li jeħtieġ DPIA,

il-Bord huwa tal-fehma li l-abbozz tal-lista tal-Awtorità Superviżorja Daniża ma fihx dispożizzjonijiet li jaf iwasslu għal applikazzjoni inkonsistenti tar-rekwiżit biex issir DPIA.

3 KONKLUŻJONIJIET / RAKKOMANDAZZJONIJIET

13. L-abbozz tal-lista tal-Awtorità Superviżorja Daniża ma fihx dispożizzjonijiet li jaf iwasslu għal applikazzjoni inkonsistenti tar-rekwiżit biex issir DPIA.

4 KUMMENTI TAL-AĦĦAR

14. Din l-opinjoni hija indirizzata lid-Datatsynet (l-Awtorità Superviżorja Daniża) u se tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 64(5)(b) tal-GDPR.
15. Skont l-Artikolu 64(7) u (8) tal-GDPR, l-awtorità superviżorja għandha tikkomunika lill-President, permezz ta' mezzi elettroniċi fi żmien ġimagħtejn wara li tirċievi l-opinjoni, jekk hijiex se temenda jew iżżomm l-abbozz tal-lista tagħha. Fi żmien l-istess perjodu, hija għandha tipprovdi l-abbozz tal-lista emendat jew, meta ma jkollhiex ħsieb issegwi l-opinjoni tal-Bord, hija għandha tipprovdi r-raġunijiet rilevanti għaliex mhux biħsiebha ssegwi din l-opinjoni, b'mod sħiħ jew parzjalment.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)